MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Mandat Numru. 1285/2012/1

**Fl-atti ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni numru 1285/2012 fl-ismijiet:-**

**Alfred Borg, fil-kummerc, bin missier mhux maghruf u Paola Azzopardi nee` Borg, imwieled u residenti Pieta`, detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 702951(M), f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Pjazza Antiques Limited (C23706)**

**vs**

**Vincent Abela, fil-kummerc, bin Paul u Doris xebba Zerafa, mwieled Pieta` u residenti 16, Triq Dun Guzepp Vella, Qormi, detentur tal-karta ta' l-idenita` bin-numru 348574(M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta’ Alfred Borg *proprio et nomine* datat 31 ta’ Awwissu, 2012 a fol. 1 tal-process fejn espona illi sabiex jikkawtela l-kreditu hawn taht imsemmi kontra l-intimat, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jinzamm milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjeta, u b'mod partikolari:

(a) il-garaxx fil-*'lower basement level'*, bla numru u bla isem, izda mhux ufficjalment immarkat bin-numru tlieta u ghoxrin (23), sottopost ghal proprjeta' ta' JDC Company Limited jew successuri taghha fit-titolu, u jigi ta' qabel l-ahhar fuq in-naha tax-xellug inti u diehel fid-*drive in*, formanti parti minn kumpless ta' garaxxijiet accessibbli minn *drive in* u rampa komuni, bla numru u bla isem, li tizbokka fi Pjazza Censu Costa, gewwa Birkirkara, u liema kumpless jifforma parti minn blokk bini, konsistenti f’garaxxijiet fil-*'lower'* u fl-*'upper basement level'*, u proprjeta' ohra sovrastanti, bid-dritt t'access in perpetwu, mhux ostakolat u minghajr interruzzjoni mill-imsemmija *drive in* u rampa, li mit-triq jaghtu access ghall-imsemmi garaxx. Dan il-garaxx jikkonfina mit-tramuntana ma' l-imsemmija *drive in* u mil-lvant u l-punent ma' beni tal-kumpannija JDC Company Limited jew successuri taghha fit-titolu, u huwa muri fuq il-pjanta annessa bhala Dokument X mal-kuntratt notarili tat-tmintax ta' Settembru 2008 in atti Nutar Pubbliku Malcolm Mangion;

(b) il-mezzanin fil-livell ta' l-ewwel sular, inkluz il-bejt u bl-arja tieghu, accessibbli minn entratura indipendenti, bla numru ufficjali izda ggib l-isem ta' 'Piu' fi Triq Kanonku Bonnici, Hamrun, liema mezzanin huwa sovrappost terran li jgib l-isem ta' 'Eva', numerat tlettax (13) u proprjeta' ta' terzi. Dan il-mezzanin jikkonfina mil-lvant mat-triq, mit-tramuntana ma' beni tas-Sur Borg jew *aventi causa* minnu, u min-nofsinhar ma' beni ta' Pauline Scicluna jew *aventi causa* minnha, jew irjieh verjuri u aktar precizi, inkluza l-arja fuq il-kamra li tigi taht it-twieqi tal-mezzanin, u huwa soggett ghac-cens annwu u perpetwu ta' tlett Ewro u ghoxrin centezmu (€3.20), u kif deskritt b'mod

aktar ampju fl-att notarili ta' l-ewwel ta' Gunju 2011 in atti Nutar Pubbliku Dorianne Arapa;  u umilment talbu lil din l-Onorabbli Qorti li tordna l-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni kontra l-intimat.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 31 ta’ Awwissu 2012 fejn laqghet provizorjament it-talba u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-4 ta’ Settembru 2012 fil-10.15a.m. u ordnat in-notifika ta’ l-istess rikors lill-kontro-parti b’erbat zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta’ l-intimat Vincent Abela datata 18 ta’ Settembru 2012 fejn sostna li t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-28 ta’ Settembru 2012 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru Dr Mark Simiana ghar-rikorrenti u Dr Robert Abela ghall-intimat prezenti.

Il-partijiet qablu li bis-sahha ta’ Mandat ta’ Sekwestru Nru 1203/12 ir-rikorrent Alfred Borg irnexxielu jissekwestra l-ammont ta’ €62,000 in kawtela tal-pretenzjoni tieghu.  Id-difensuri ttrattaw il-kaz.

Illi l-Qorti tiddisponi mill-istess billi wara li rat ir-rikors datat 31 t’Awwissu 2012, u rat ir-risposta datata 18 ta’ Settembru 2012, u wara li semghet it-trattazzjoni, tiddeciedi billi ssostni li peress li ma giex ippruvat *prima facie* id-dritt vantat mir-rikorrenti fil-kwalita` tieghu premessa lanqas fi grad ta’ *prima facie*, din il-Qorti qed tichad it-talba u tirrevoka wkoll *contratio imperio* d-digriet taghha fejn kienet laqghet it-talba provizorjament datat 31 ta’ Awwissu 2012.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Degretat.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------